# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**
**ONOR. IMĦALLEF AUDREY J. DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 302/14/1 SM**

**Giorgina Falzon**

**v.**

**Saviour Falzon u Loredana Falzon**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-intimat Saviour Falzon wara deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-23 ta' Novembru 2016. F'dik is-sentenza l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat Saviour Falzon u laqgħet it-talbiet tal-attriċi u ordnat lill-intimati Saviour Falzon u Loredana Falzon jirrintegraw solidament fil-komunjoni

tal-akkwisti ta' Giorgina u Saviour Falzon is-somma ta' €24,517.23.

**Daħla**

2. L-attriċi, permezz ta' rikors ġuramentat intavolat nhar l-10 ta' April 2014, talbet lill-Ewwel Qorti tikkundanna lill-intimati sabiex solidament bejniethom jirrintegraw fil-komunjoni tal-akkwisti tagħha u tal-intimat Saviour Falzon, is-somma ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000) li aktar tard, permezz ta' digriet tat-3 ta' Diċembru 2015, ġiet awmentata għal erbgħa u għoxrin elf, ħames mija u sbatax–il elf ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€24,517.23)[1].

3. L-attriċi ressqet din it-talba *ai termini* tal-Artikolu 1326 tal-Kodiċi Ċivili wara li fi proċeduri separati ta' separazzjoni bejnha u bejn l-intimat Saviour Falzon, ġie għall-għarfien tagħha li fl-2008 żewġha kien ta donazzjoni lil binthom, l-intimata Loredana Falzon, mingħajr il-kunsens tagħha. Hi skopriet dan permezz ta' affidavit ta' bintha Loredana Falzon li ġie preżentat fil-mori tal-kawża ta' separazzjoni bejn il-konjuġi Giorgina u Saviour Falzon bin-numru 202/2008 AL[2].

4. Permezz ta' din l-azzjoni l-attriċi talbet lill-Qorti:

*"1.Tiddikjara li d-donazzjoni msemmija fl-affidavit Dok B magħmula*

[1] *Fol. 97*
[2] *Fol. 10*

*minn Saviour Falzon lil Loredana Falzon fis-sena 2008 hija nulla billi saret bi hsur tal-art. 1326 tal-Kap 16 għax ma ntalabx il-kunsens tal-attriċi ghall-istess donazzjoni;*

*2. Tikkundanna lill-intimati Saviour Falzon u Loredana Falzon solidalment bejniethom biex jirrintegraw il-kommunjoni tal-akkwisti bejn l-attriċi żewġha fis-somma msemmija ta' €24,517.23;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati nġunti minn issa in subizzjoni;"*

5. L-attriċi ġiet mogħtija l-għajnuna legali[3] fuq talba tagħha u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkonfermat dan permezz ta' digriet ta' nhar it-30 ta' Mejju 2013[4].

6. L-intimat Saviour Falzon ressaq risposta permezz ta' liema wieġeb:

*"1. Illi fl-ewwel lok, u in linea preliminari, din il-kawża għandha tistenna l-eżitu tal-kawża ta' separazzjoni fl-ismijiet Giorgina Falzon Vs Saviour Falzon ref:202/08. u dana peress illi jista jirriżulta illi l-fondi mertu ta' l-azzjoni odjerna huma/kienu derivanti minn proprjetà parafernali ta' l-esponenti;*

*2. Illi ukoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost din l-azzjoni hija mproponibbli peress illi d-donazzjoni lill-bint il-kontendenti biex issegwil-istudju tagħha barra minn Malta saret fl-2008 (kif jirriżulta mid-dokument anness mar-rikors promotur) u għalhekk skada t-terminu perentorju ta' tlett snin kif stipulat f'artikolu 1326.1 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*3.Illi ukoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost din l-azzjoni hija mproponibbli peress illi r-rikorrenti ġiet notifikata bl-affidavit li allegatament ta' lok għal din l-azzjoni f'Jannar 2013 (kif jirriżulta mid-dokument anness mar-rikors promotur) u għalhekk għaddew aktar minn tlett xhur konċessi f'artiklu 1326.3 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*4. Illi fil-mertu r-rikorrenti kienet ben konsapevoli tad-donazzjoni mogħtija lil binthom sabiex tkun tista tkompli l-istudji tagħha barra minn Malta;*
*3.5. Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti*

[3] *Fol. 4*
[4] *Fol. 8*

*bl-ispejjes.”*

7. L-intimata Loredana Falzon ma ressqet l-ebda risposta u ġiet iddikjarata fi stat ta’ kontumaċja fis-seduta ta’ nhar it-30 ta’ Ottubru 2014[5].

8. L-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti decide:

> *31.1. Filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat fuq indikat;*
>
> *31.2. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti;*
>
> *31.3. Tiddikjara li d-donazzjoni ta’ €22,000.00 sussegwentement korretta ghal €24,517.23 maghmula mill-intimat Saviour Falzon lill-intimata kontumaci Loredana Falzon fl-2008, hi nulla billi saret bi ksur tal-artiklu 1326 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ghaliex ma ntalabx il-kunsens tar-rikorrenti Giorgina Falzon ghall-istess donazzjoni;*
>
> *31.4. Tikkundanna lill-intimati fuq gia` indikati solidalment biex jirrintegraw il-komunjoni tal-akkwisti bejn ir-rikorrenti u zewgha fis-somma ta’ €24,517.23;*
>
> *31.5. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimati;*

U dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *Ikkunsidrat:*
>
> *21. Illi jigi osservat li l-att ta’ donazzjoni in dizamina hu effettivament ekwivalenti ghal att t’amministrazzjoni straordinarja kif definit fl-artiklu 1322(3) (a) tal-Kodici Civili;*
>
> *22. Illi konsegwentement tali donazzjoni tinhtieg li ssir miz-zewg mizzewgin flimkien, u dan, ai termini tal-artiklu 1322(1) u (2) tal-istess Kodici Civili;*
>
> *Ikkunsidrat:*
>
> *23.0. Illi issa f’dan l-istadju ghandu jkun ghaqli li jigu indirizzati t-tliet (3) risposti preliminari sollevati mill-intimat Saviour Falzon, senjatament: (ara foll 18)*

---

[5] *Fol. 23*

*23.1. Illi l-kawza odjerna hi intempestiva u ghandha tistenna l-ezitu tal-kawza ta' separazzjoni li hemm bejn il-kontendenti Giorgina u Saviour Falzon;*

*23.2. Illi l-kawza odjerna hi improponibbli stante li skada t-terminu ta' tliet (3) snin stipulat fl-artiklu 1326(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*23.3. Illi l-istess azzjoni hi wkoll improponibbli ghaliex ir-rikorrenti giet notifikata bl-affidavit li ta' bidu ghall-azzjoni odjerna f'Jannar, 2013, u ghalhekk ghaddew aktar minn tlett (3) xhur kif indikat fl-artiklu 1326(3) tal-Kap 16 tal-istess Ligijiet;*

*Ikkunsidrat:*

*24.0. L-Intempestivita`: (ara paragrafu numru tlieta u ghoxrin punt wiehed, (23.1.), aktar qabel)*

*24.1. Illi l-intimat jissottolinea li "... jista' jirrizulta..." (ara foll 18), li l-ammont li inghata lil Loredana Falzon minn missiera, (ara foll 97), inghata b'donazzjoni minn fondi derivanti minn proprjeta` parafernali;*

*24.2. Illi ghakemm l-istess intimat jigbed l-attenzjoni ghal din il-possibilita` indikata fil-paragrafu precedenti, jirrizulta, minn analizi tal-provi prodotti, li naqas li jipprezenta kwalsiasi prova in sostenn tal-istess allegazzjoni tieghu;*

*24.3. Illi s-sentenza fl-ismijiet Falzon vs. Hazzouri et nominee datata l-24 ta' Marzu, 2000, ipprezentata in atti, (ara foll 103), u l-appell sussegwenti, (ara foll 123) jirrigwardaw bejgh li l-intimat ghamel fl-1988, u ghalhekk pendenti z-zwieg tal-konjugi kontendenti;*

*24.4. Illi ghalhekk fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, jirrizulta li l - presunzjoni fir-rigward tad-donazzjoni in dizamina hi li din giet mill-proprjeta` formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk mhix disponibbli minn konjugu wiehed minghajr il-participazzjoni tal-konjugu l-iehor;*

*24.5. Illi ghalhekk, din l-ewwel risposta preliminari tal-intimat de quo ghandha tigi respinta;*

*Ikkunsidrat:*

*25.0. L-Improponibilita`: (ara paragrafi numri tlieta u ghoxrin punt tnejn u tlieta u ghoxrin punt tlieta, (24.2. u 24.3. rispettivament aktar qabel)*

*25.1. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 1326 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li ghall-ekonomija tal-gudizzju mhux qieghed jigi hawn riprodott;*

*25.2. Illi l-intimat isosstni li naqas jottjeni l-kunsens tar-rikorrenti ghad-donazzjoni in kwistjoni stante l-urgenza li kienet zviluppat biex hu jibghat il-flus lil bintu biex ma tinterrompix il-kors li kienet bdiet;*

*25.3. Illi pero` isosstni wkoll li ma kienx verosimili dak li ssosstni r-rikorrenti li ma kienitx taf li bintha kellha bzonn aktar flus biex tittermina l-istudji taghha, (ara foll 27);*

*Ikkunsidrat:*

*26.0. Illi rigward il-punctum temporis ta' meta jibda jiddekorri l-perjodu li fih trid issir kawza bhal dik in dizamina, l-artiklu fuq citat, (ara paragrafu numru hamsa u ghoxrin punt wiehed, (25.1.), aktar qabel), hu indikattiv ghar-risoluzzjoni tal-istess kwezit;*

*26.1. Illi skont l-artiklu 1326(2) tal-Kap fuq riferit kull azzjoni ghall-annullament ta' att li jsir minghajr il-kunsens taz-zewg (2) partijiet mizzewga trid issir fi zmien tliet (3) snin "(a) mid-data minn meta dik il-parti saret taf bl-att";*

*26.2. Illi jirrizulta li r-rikorrenti giet a konoxxenza tad-donazzjoni in dizamina biss fil-25 ta' Jannar, 2013, meta l-intimata kontumaci Loredana Falzon intavolat dokument appozitu fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Georgina Falzon vs. Saviour Falzon, Rikors Guramentat Numru 202/2008, (ara foll 9 u 10);*

*26.3. Illi minn ezami tal-atti in kwistjoni ma jirrizultax li r-rikorrenti kienet saret taf bl-istess donazzjoni f'data ohra precedenti;*

*26.4. Illi l-istess intimata kontumaci Loredana Falzon stess issosstni li kienet ikkomunikat mal-intimat Saviour Falzon fir-rigward, spjegatlu s-sitwazzjoni finanzjarjament imwergha li kienet tinsab fiha, u pperswadietu jibghatilha l-ammont li hi kellha bzonn biex tkun tista' tkompli bl-istudji, (ara foll 31);*

*26.5. Illi di piu`, l-istess intimata kontumaci ssosstni li fuq dawn l-affarijiet rigwardanti l-finanzjament tal-kors taghha:*
*"... dejjem tkellimt, fuq dawn l-affarijiet mieghu...", (ara foll 31), senjatament l-intimat missierha Saviour Falzon;*

*26.6. Illi jirrizulta mill-istess xhieda in kontroezami tal-intimata kontumaci, li fir-rigward ta' dan l-ammont ta' donazzjoni partikolari in dizamina, r-rikorrenti thalliet kompletament fid-dlam u hadd mill-intimati ma kellimha fuq l-istess, (ara foll 32);*

*26.7. Illi l-istess atitudini t'eskluzjoni tar-rikorrenti mid-donazzjoni in kwistjoni hi wkoll ikkonfermata mill-intimat Saviour Falzon li meta kien mistoqsi direttament jekk kienx ottjena l-kunsens ta' martu r-rikorrenti ghall-ghoti tad-donazzjoni de quo hu jisvija d-domanda u jwiegeb billi jispostjha fuq l-urgenza li jghaddi l-flus lil binthu, (ara foll 33);*

*26.8. Illi di piu`, b'mod ferm aktar specifiku fir-rigward jghid is-segwenti:"Peress li kien hemm il-procedura tas-separazzjoni lill-mara ma avvicinajtiex fuq din il-parti tas-self", (ara foll 34);*

*Ikkunsidrat:*

*27. Illi in vista tal-premess ghandu jirrizulta pacifiku li meta giet effettwata d-donazzjoni in dizamina, ir-rikorrenti ma kienet taf xejn fir-rigward;*

*28. Illi ghalhekk, it-tieni (2) risposta preliminari tal-intimat ghandha wkoll tigi respinta stante li t-terminu ta' tliet (3) snin stabbilit fl-artiklu 1326 (2) tal-Kap 16 de quo beda jiddekorri mill-25 ta' Jannar, 2013, (ara foll 10), u l-procedura odjerna giet intavolata fl-10 t'April, 2014, (ara foll 1), u allura abbundantement entro t-terminu hekk statutorjament stabbilit;*

*Ikkunsidrat:*

*29.0. L-artiklu 1326 (3) tal-Kap 16: (ara paragrafu numru tlieta u ghoxrin punt tlieta, 23.1.), aktar qabel)*

*29.1. Illi kif dikjarat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Kelly Yilmaz vs. Hasan Yilmaz et datata t-18 ta' Mejju, 2015, dan il-perjodu hawn in dizamina ta' tliet (3) xhur hu perjodu ta' dekadenza;*

*29.2. Illi biex jibda jiddekorri l-perjodu in dizamina mhux bizzejjed li tingieb il-prova tad-data meta l-konjugi li jimpunja l-att sar jaf bid-donazzjoni involuta;*

*29.3. Illi l-istess sub-inciz in dizamina jirrikjedi li tali terminu jibda jiddekorri biss mid-data li fih ikun notifikat permezz t'att gudizzjarju daparti tal-intimati;*

*29.4. Illi tali notifika ma tirrizultax li giet effettwata skont il-ligi;*

*29.5. Illi l-fatt li r-rikorrenti giet a konjizzjoni tad-donazzjoni de quo permezz tad-dikjarazzjoni guramentata datata l-25 ta' Jannar, 2013, (ara foll 10), ma tammontax ghall-prova li tali informazzjoni giet a konjizzjoni tal-istess permezz t'att gudizzjarju mill-intimati;*

*29.6. Illi sintetikament, ghandu jkun pacifiku li l-istess dikjarazzjoni guramentata mhix hlief deposizzjoni skritta rilaxxata fl-atti ta' procedura partikolari, u ghalhekk la kienet intiza biex tkun notifikata lir-rikorrenti u lanqas biex allura tikkwalifika bhala att gudizzjarju daparti tal-intimati;*

*29.7. Illi ghalhekk, anke t-tielet (3) risposta preliminari tal-intimat ghandha tigi respinta;*

*Ikkunsidrat:*

*30. Illi fir-rigward tar-raba' (4) risposta, senjatament dik koncernanti l-mertu tal-vertenza, a skans ta' dilungar inutili ssir referenza ghall-analizi fattwali precedentement elenkat, u a bazi tal-istess, din ir-raba' (4) risposta ghandha wkoll tigi respinta."*

9. L-intimati Saviour Falzon u Loredana Falzon ressqu appell nhar it-12 ta' Diċembru 2016 u l-attriċi ressqet risposta nhar it-13 ta' Frar 2017. Waqt l-ewwel dehra quddiem din il-Qorti, ġie ddikjarat li l-attriċi u l-intimat Saviour Falzon kienu resqu għall-kuntratt ta' separazzjoni personali permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mariella Mizzi datat is-7 ta' Diċembru 2016[6].

10. Wara dan l-intimata Loredana Falzon ressqet rikors nhar it-23 ta' Novembru 2021 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti, diversament presjeduta, sabiex teħlisha mill-kundanna imposta fuqha permezz tas-sentenza tal-Ewwel Qorti[7] u dan għaliex hi sostniet li ommha kienet irrinunzjat għal kwalunkwe pretensjoni *tramite* l-kuntratt ta' firda personali u li l-komunjoni tal-akkwisti ġiet xolta. Dan ir-rikors ġie degretat

[6] *Fol. 186 u Fol, 191 et seq.*
[7] *Fol.188.*

kameralment nhar it-8 ta' Marzu 2022. F'dak id-digriet il-Qorti astjeniet milli tqis ir-rikors f'dak l-istadju u sakemm tiġi mħallsa l-kawtela fuq l-appell ta' Loredana Falzon.

11. L-intimat Saviour Falzon ukoll ressaq rikors nhar it-23 ta' Novembru 2021, identiku għal dak ta' Loredana Falzon, li permezz tiegħu talab li jkun meħlus mill-kundanna imposta fuqu permezz tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, u dan għaliex hu sostna li ma tistax issir ir-reintegrazzjoni tal-ammont in kwistjoni, u dan *stante* li llum il-ġurnata l-komunjoni hi xolta *oltre* mill-fatt li *tramite* l-kuntratt ta' separazzjoni ngħatat kwittanza sħiħa u assoluta mill-attriċi. L-attriċi wieġbet[8] li permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, żgur li ma riditx tirrinunzja għall-ammont ta' €24,517.23. Tisħaq li ċ-ċessjoni tad-dritt jeħtieġ li tkun ċara u univoka b'mod li ma jħalli l-ebda dubju li tali ċessjoni qed issir. *Inoltre* argumentat li l-kwittanza li ngħatat kienet b'referenza għall-dak miftiehem fil-kawża ta' separazzjoni u mhux għall-din il-kawża u *inoltre* din il-kawża ma kinitx diskussa bejnha u bejn Saviour Falzon. Dan ir-rikors ser jiġi ndirizzat aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

12. L-attriċi preżentat rikors permezz ta' liema argumentat li bintha Loredana Falzon ma talbitx għall-għajnuna legali u konsegwentement l-

[8] *Fol.221 et seq.*

appell tagħha kellu jiġi kkawtelat[9]. L-intimata Loredana Falzon wieġbet li dan l-ilment kellu jitqajjem *in limite lites* u li l-kawtela tista' titħallas biss wara li tkun iffissata mir-reġistratur *a tenur* tal-Artikoli 152 u 183 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[10]. Din il-Qorti diversament presjeduta ddegretat dan ir-rikors nhar it-8 ta' Marzu 2022[11] u ordnat lir-Reġistratur jiddetermina l-kawtela fil-waqt li provdiet li l-intimata Loredana Falzon kellha ħmistax–il jum minn notifika lilha tal-avviż biex tħallas il-kawtela ffissata u fin-nuqqas ta' ħlas l-appell tagħha jitqies li mar deżert.

13. Fis-seduta ta' nhar is-26 ta' April 2022 l-appell ta' Loredana Falzon ġie ddikjarat deżert u dan wara li naqset milli tħallas il-kawtela[12].

**Fatti**

14. Din il-Qorti rat l-atti. Rat l-osservazzjonijiet fattwali mressqa mill-Ewwel Qorti:

> "*11.1. Illi bejn ir-rikorrenti u l-intimat Saviour Falzon hemm pendenti kawza ghas-separazzjoni li ggib in-numru 202/2008, (ara foll 1 u 9);*
>
> *11.2. Illi fl-istess procedura indikata fil-paragrafu precedenti, b'sorpriza ghar-rikorrenti irrizulta li l-imsemmi Saviour Falzon, kien ghadda lil bintu Loredana – l-intimata l-ohra f'din il-procedura – is-somma ta' €24,517.23, (ara foll 97) biex din tkun tista tkompli l-istudji taghha ta' pilota barra minn Malta, (ara foll 31);*
>
> *Ikkunsidrat:*

[9] *Fol. 217*
[10] *Fol. 225*
[11] *Fol. 234*
[12] *Fol.242*

*12. Illi r-rikorrenti kienet taf li bintha l-intimata Loredana kienet marret l-Awstralja tistudja ghal pilota, (ara foll 27);*

*13. Illi fil-fatt kienet ukoll tinkoraggiha f'dawn l-istudji, (ara foll 29);*

*14. Illi l-istess rikorrenti kienet ukoll taf li bintha Loredana kienet ukoll isselfet €40,000.00 biex tkun tista' taffronta l-imsemmi kors ta' pilota, (ara foll 27);*

*15. Illi rigward id-donazzjoni li l-intimat zewgha Saviour ghamel lill-intimata l-ohra fl-ammont indikat qabel, (ara paragrafu numru hdax punt tnejn, (11.2.), aktar qabel), ir-rikorrenti ssosstni li ma kienet taf xejn fir-rigward, (ara foll 27 u 29);*

*Ikkunsidrat:*

*16.0. Illi l-intimat Saviour Falzon isosstni s-segwenti:*

*16.1. Illi l-kors li marret taghmel bintu l-Awstralja kien ta' sena (1), (ara foll 24);*

*16.2. Illi l-finanzi li kellha mis-self li kienet ghamlet spiccaw meta kien ghad fadlilha tliet (3) xhur biex tispicca l-istess kors, (ara foll 24);*

*16.3. Illi biex jghin lil bintu tispicca l-istess kors l-intimat Saviour Falzon kien mar il-bank u ttrasferixxa l-ammont meritu ta' 5 din il-procedura lill-intimata Loredana biex b'hekk ippermettiela tispicca l-kors in kwistjoni b'success, (ara foll 24);*

*16.4. Illi pero` meta l-intimat de quo effettwa d-donazzjoni in dizamina, ma kien informa xejn fir-rigward lir-rikorrenti, (ara foll 25);*

*Ikkunsidrat:*

*17. Illi konsegwentement ir-rikorrenti ssosstni li stante li kienu ghadhom fi stat ta' komunjoni tal-akkwisti d-donazzjoni in dizamina saret bi ksur tal-artiklu 1326 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi meta l-intimat Saviour Falzon ghadda l-ammont ta' flus fuq indikat lil bintu Loredana, minghajr ma kellu l-kunsens mehtieg tar-rikorrenti martu biex jaghmel dan; Ikkunsidrat:*

*18. Illi fil-perjodu meta l-intimat Saviour Falzon ghadda l-imsemmi ammont ta' flus lil bintu Loredana, hu u r-rikorrenti martu kienu ghadhom fi stat ta' zwieg – ghalkemm kienu ghaddejjin minn procedura ta' separazzjoni;*

*19. Illi in effetti l-kunsens tar-rikorrenti ghad-donazzjoni de quo lill-*

*intimata Loredana Falzon tant jirrizulta mankanti, li saret konsapevoli tal-istess biss fil-kors tal-kawza ta' separazzjoni;*

*20. Illi ghalhekk permezz tal-kawza prezenti r-rikorrenti qed titlob li d-donazzjoni in dizamina tigi annullata stante li l-kunsens taghha kien mankanti;."*

15. Din il-Qorti rat li fil-mori tal-proċeduri ta' separazzjoni bejn il-konjuġi Falzon, l-attriċi skopriet li Saviour Falzon iddona lil binthom Loredana Falzon l-ammont ta' €24,517.23 lura fl-2009 sabiex tkun tista' tkompli l-istudji tagħha sabiex issir bdot tal-ajruplani[13]; dan meta diġà kienu bdew il-proċeduri ta' separazzjoni bejn il-konjuġi Falzon. Dan għamlu permezz ta' trasferimenti bankarji minn kont li jidher li jgħajjat lilu biss[14], anke kif xehdet rappreżentanta tal-Bank of Valletta li xehdet li l-kont jappartjeni lil Saviour Falzon[15]. L-intimat Falzon saħaq li dawn il-flejjes ġew f'idu wara li ħareġ rebbieħ f'kawża ċivili[16], li ġiet ikkonfermata fl-istadju tal-appell[17]. L-attriċi ma kinitx taf b'din id-donazzjoni u saret taf waqt il-mori tal-proċeduri ta' separazzjoni[18]. Loredana Falzon xehdet li missierha kien taha ammont ta' flus wara li s-self li ħadet mill-bank għall-istudju ma kienx biżżejjed u li hi ma daħlitx fil-kwistjoni ta' jekk l-aħħar donazzjoni mogħtija lilha kinitx diskussa bejn il-ġenituri tagħha[19]. Fil-kontroeżami tagħha Giorgina Falzon xehdet kemm li l-flus tippretendihom mingħand bintha u

[13] *Fol. 24 u Fol.33 et seq. u Fol.52 et seq.*
[14] *Fol 99 et seq u Fol. 35 sa 50*
[15] *Fol 99 et seq.*
[16] *Fol. 103 et seq.*
[17] *Fol. 123 et seq.*
[18] *Fol.27 u Fol. 29 et seq.*
[19] *Fol.31 et seq.*

kemm li ma tippretendihomx mingħandha iżda mingħand Saviour Falzon[20].

**Konsiderazzjonijiet Legali**

16. Din il-Qorti issa ser tindirizza: (i) il-preġudizzjali mressqa mill-attriċi *qua* appellata li l-appell tal-intimat Saviour Falzon huwa rritu u null minħabba li l-okkju mhux riportat fis-sħiħ (ii) il-mertu tal-appell ta' Saviour Falzon li huwa bbażat fuq li:

(a) l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' d-digriet datat it-3 ta' Diċembru 2015 fejn ħalliet li jiġi emendat is-*sorte* mitlub, u

(b) li l-azzjoni hija improponibbli *ai termini* tal-Artikolu 1326(3) tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex għaddew it-tliet xhur minn mindu kienet notifikata bid-donazzjoni sa meta ġiet imressqa l-kawża,

(c) li fi kwalunkwe każ japplika l-Artikolu 1327 tal-Kodiċi Ċivili (iii) ir-rikors tal-intimat *qua* appellant Saviour Falzon fejn talab li jiġi meħlus mill-kundanna imposta fuqu mill-Ewwel Qorti, u dan għaliex jgħid li l-attriċi rrinunzjat minn kull interess li kellha fuq il-mertu tal-azzjoni

[20] *Fol. 136*

preċedentament għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni b'mod definittiv u irrevokabbli (iv) il-pożizzjoni tal-intimata Loredana Falzon.

Il-preġudizzjali tal-appellata

17. L-appellata ssostni li l-appell ta' Saviour Falzon huwa rritu u null u dan peress li l-okkju ma ġiex riportat fis-sħiħ fir-rikors ta' appell, u dan għaliex ġie mniżżel biss Saviour Falzon u l-kelma 'et' minflok Saviour Falzon u Loredana Falzona, u dan meta hija prassi inveterata tal-Qorti tal-Appell li l-okkju fir-rikors tal-appell ikun imniżżel sħiħ u dan kif tagħmel il-Qorti tal-prim istanza meta tippronunzja s-sentenza.

18. Din il-Qorti ma tqisx li din hija raġuni biex l-appell jiġi ddikjarat null. Jidher li l-appellata qed tibbaża l-eċċezzjoni tagħha fuq 'prassi inveterata'. Eċċezzjoni daqshekk estrema li titlob in-nullità għandha tal-anqas tkun ibbażata fuq provediment ċar tal-liġi.

19. Irrispettivament minn dan, fil-każ odjern jingħad li jekk hi meħtieġa korrezzjoni, din setgħet faċilment issir skont l-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fuq kollox l-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 stess jipprovdi:

> *"Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi(a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.*

> *(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), matistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew,għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara,mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità."*

20. Irrispettivament minn dan, din il-Qorti rat li l-mod kif ġie miktub l-okkju ma kien tal-ebda ostakolu, la għal appellata biex tressaq ir-risposti u rikorsi preżentati minnha u anqas għal din il-Qorti biex ħarġet digrieti fil-mori ta' dan l-appell. Ma tqisx li l-mod kif ġie mniżżel l-okkju, u ċjoè għaliex tniżżlet il-kelma 'et' wara isem Saviour Falzon flok tniżżel isem Loredana Falzon, għandu jkun ta' xkiel biex din il-Qorti tiddetermina dan l-appell, aktar u aktar meta dan għamlu l-intimat li f'dak il-mument kien qed iressaq rikors ta' appell konġuntament ma' Loredana Falzon. Konsegwentement ser twarrab dan il-preġudizzjali u tipproċedi sabiex tikkunsidra l-kumplament tal-kwistjonijiet pendenti.

*Il-mertu tal-appell*

21. Fir-rigward tal-appell imressaq mill-appellant jingħad li dan ressaq tlett aggravji.

22. Permezz ta' dak li l-Ewwel Qorti tqis bħala l-**ewwel aggravju**, l-appellant jappella mid-digriet tat-3 ta' Diċembru 2015. Hu jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' t-talba tal-attriċi u tawmenta s-*sorte* għal

erbgħa u għoxrin elf, ħames mija u sbatax–il ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€24,517.23) minn tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000). Jisħaq li għalkemm f'kawżi kostituzzjonali l-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jingħata interpretazzjoni usa fil-każ odjern tinbidel is-sustanza tal-azzjoni. Hu jisħaq li jekk l-ammont ma jagħmilx differenza diffiċli li tinqata' linja.

23. L-appellata wieġbet li ma taqbel xejn mal-appellant għaliex l-azzjoni hija mibnija fuq l-għotja ta' flus li saret minn Saviour Falzon lil Loredana Falzon *ad insaputa* tal-attriċi stess u kien waqt is-smigħ ta' dawn il-proċeduri li saret taf il-figura eżatta.

24. Din il-Qorti rat l-argumenti mressqa u ma tqisx li t-talba magħmula mill-attriċi marret kontra t-tħaddim tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 u dan għaliex mhux talli ma nbidlitx is-sustanza tal-azzjoni iżda anqas kellhom għalfejn jinbidlu l-eċċezzjonijiet fuq il-mertu tal-kawża. Dak li nbidel kien li l-ammont mitlub ġie miżjud b'elfejn ewro. Żgur li ma jistax jingħad li dan biddel is-sustanza jew b'xi mod xekkel id-difiża tal-partijiet tant li ġab fix-xejn l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat Saviour Falzon. Il-Qorti tal-Appell Inferjuri, fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Micallef et v. Oliver Cachia**[21] qalet:

[21] Deċiża 17 ta' Novembru 2004 – Onor. Imħ. Philip Sciberras

*"...a) Hu permess tibdil fl-iskritturi. F' dan il-kaz l-atturi talbu s-sostituzzjoni ta' l-ammont originarjament indikat minnhom bhala danni. Imkien ma ntalbet modifika jew sostituzzjoni minhabba konsiderazzjoni gdida ta' dritt. Ifisser ghalhekk li l-korrezzjoni mitluba ghandha tigi valutata fil-qafas ta' l-istess konsiderazzjoni ta' dritt kif premessa fit-talba originali. Talba konducenti ghall-hlas tad-danni minhabba xoghlijiet f' bini vicin appartenenti lill-konvenut baqghet immutata;*

*(b) Hu veru li l-ligi tponi limitazzjoni fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti li takkorda l-korrezzjoni fejn din tkun tolqot fissustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kaz, F' dan il-kaz, pero` kif gja osservat, it-talba primarja ta' l-atturi kienet u baqghet l-istess. Kwantu ghall-eccezzjoni din ukoll tissokta tregi billi d-difiza dwar l-eccessivita` ta' l-ammont reklamat ma giet bl-ebda mod modifikata bil-fatt tat-talba korrettorja taz-zieda fil-kwantum tad-danni;*

*Kaz analogu ghal dak hawn trattat insibuh fis-sentenza fl-ismijiet "Joseph Debono nomine -vs- Albert Muscat", Appell Civili, 9 ta' Marzu 1993. Jigifieri qabel l-emendi legislattivi ghall-Kodici ta' Procedura ta' l-1995. F' dik il-kawza s-socjeta` attrici kienet ukoll talbet korrezzjoni fis-sens li jigi mizjud l-ammont mitlub u ntiz li jkun kanonizzat. Intqal fiha a propozitu illi:-*

*(a) Il-kawzali fic-citazzjoni ma gewx mibdula;*

*(b) Is-sustanza ta' l-eccezzjoni dwar iz-zamma ta' prezzijiet esagerati ma nbiddletx u allura l-konvenut anqas ser ikollu bzonn ibiddel jew izid ma' l-istess eccezzjoni;*

*(c) Ghalkemm hu veru li r-rikors kontenenti t-talba ghall-korrezzjoni gie pprezentat wara l-prezentata tar-rapport, u kwindi fl-istadju finali tal-kawza, pero` b' daqshekk ma sar xejn kontra dak li hemm provvdut fl-Artikolu 175. Dan ghaliex skond dak l-artikolu l-Qorti tista' tordna tibdil fl-iskrittura f' kull waqt tal-kawza basta dan ikun qabel is-sentenza;*

*Dan affermat, fil-hsieb ta' din il-Qorti, il-principju applikat fil-kaz in ispecja hu gust u sewwa. Dan anke ghaliex, fil-verita`, il-korrezzjoni awtorizzata ma tistax titqies ta' natura tali li tippregudika l-interessi jew id-difiza tal-konvenut appellant;"*

25. Dan l-aggravju qiegħed b'hekk jiġi miċħud.

26. Permezz tat-**tieni aggravju** l-appellant jilmenta li l-attriċi kienet taf

bid-donazzjoni minn dakinhar tas-seduta fl-atti tal-kawża ta' separazzjoni u dan meta ġiet mogħtija kopja tal-affidavit ta' bintha li kienet tgħid li ngħatat somma mingħand missierha. Jisħaq li skont l-Artikolu 1326 subinċiż 3 tal-Kodiċi Ċivili, persuna għandha tressaq azzjoni fil-parametri ta' dan l-artikolu fi żmien tlett xhur minn meta tkun notifikata b'att ġudizzjarju. Jgħid li affidavit jaqa' fil-parametri tad-definizzjoni ta' att ġudizzjarju u dan anke b'referenza għal-liġi sussidjarja 9.22[22] fejn id-definizzjoni ta' att ġudizzjarju tinkludi fih affidavit. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda motivazzjoni għal-liema raġuni ma kkunsidratx li affidavit huwa att ġudizzjarju.

27. L-attriċi *qua* appellata twieġeb li permezz tal-eċċezzjonijiet tiegħu l-appellant kien ressaq eċċezzjonijiet oħra rigward l-improponibilità tal-azzjoni madankollu jidher li f'dan l-istadju l-appellant kien qiegħed iressaq aggravju biss rigward is-subinċiż 3 tal-Artikolu 1326. Tisħaq li l-liġi sussidjarja 9.22 tapplika biss għall-proċeduri kriminali u fi kwalunkwe każ din il-liġi ma kinitx viġenti meta tressqet l-azzjoni odjerna u *del resto* xorta japplika l-Artikolu 1326 subinċiż 4 tal-Kodiċi Ċivili.

28. L-Ewwel Qorti, kif diġà hawn fuq ċitata, għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt:

> *"29.0. L-artiklu 1326 (3) tal-Kap 16: (ara paragrafu numru tlieta u*

[22] Regolamenti dwar il-Metodu ta' Notifika tal-Atti Ġudizzjarji

*ghoxrin punt tlieta, 23.1.), aktar qabel)*

*29.1. Illi kif dikjarat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Kelly Yilmaz vs. Hasan Yilmaz et datata t-18 ta' Mejju, 2015, dan il-perjodu hawn in dizamina ta' tliet (3) xhur hu perjodu ta' dekadenza;*

*29.2. Illi biex jibda jiddekorri l-perjodu in dizamina mhux bizzejjed li tingieb il-prova tad-data meta l-konjugi li jimpunja l-att sar jaf bid-donazzjoni involuta;*

*29.3. Illi l-istess sub-inciz in dizamina jirrikjedi li tali terminu jibda jiddekorri biss mid-data li fih ikun notifikat permezz t'att gudizzjarju daparti tal-intimati;*

*29.4. Illi tali notifika ma tirrizultax li giet effettwata skont il-ligi;*

*29.5. Illi l-fatt li r-rikorrenti giet a konjizzjoni tad-donazzjoni de quo permezz tad-dikjarazzjoni guramentata datata l-25 ta' Jannar, 2013, (ara foll 10), ma tammontax ghall-prova li tali informazzjoni giet a konjizzjoni tal-istess permezz t'att gudizzjarju mill-intimati;*

*29.6. Illi sintetikament, ghandu jkun pacifiku li l-istess dikjarazzjoni guramentata mhix hlief deposizzjoni skritta rilaxxata fl-atti ta' procedura partikolari, u ghalhekk la kienet intiza biex tkun notifikata lir-rikorrenti u lanqas biex allura tikkwalifika bhala att gudizzjarju daparti tal-intimati;*

*29.7. Illi ghalhekk, anke t-tielet (3) risposta preliminari tal-intimat ghandha tigi respinta;"*

29. Din il-Qorti qieset l-argumenti mressqa mill-appellant. Rat li fattwalment l-attriċi tgħid li waqt il-mori tal-kawża ta' separazzjoni bejnha u bejn l-intimat Saviour Falzon, numru 202/2008 AL ġie preżentat affidavit ta' bintha Loredana Falzon, li permezz tiegħu l-attriċi *qua* appellata saret taf li żewġha ta lil binthom somma flus. L-affidavit, li kopja tiegħu mill-atti tal-proċeduri ta' separazzjoni tinsab *a fol.* 10, hu datat il-25 ta' Jannar 2013 filwaqt li fuqu hemm timbru tal-Assistenta Ġudizzjarja li dan id-dokument kien preżentat minn Saviour Falzon nhar il-5 ta' Frar 2013.

30. L-Artikolu 1326 subinċiż 3 jaqra:

> "*(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), il-jedd mogħti bis-subartikolu (1) lil parti li titlob annullament ta' att jispiċċa malli jagħlqu tliet xhur mill-jum li fih ikun notifikat l-att lil dik il-parti bil-mezz ta' att ġudizzjarju, kemm-il darba dik il-parti ma tkunx bdiet azzjoni għal dak l-annullament.*"

31. Din il-Qorti tikkonsidra li fil-każ odjern l-affidavit ta' Loredana Falzon ma jaqax fid-definizzjoni ta' att hekk kif previst fis-subinċiż 3 tal-Artikolu 1326. L-affidavit ta' Loredana Falzon ma huwa xejn ħlief xhieda bil-miktub li jirrapporta dak li seħħ snin qabel u żgur li mhuwiex l-att innifsu li permezz tiegħu saret id-donazzjoni, aktar u aktar meta fil-każ odjern id-donazzjoni saret permezz ta' trasferimenti bankarji u ma saret l-ebda skrittura privata jew att pubbliku bejn Saviour Falzon jew Loredana Falzon.

32. *Inoltre*, din il-Qorti ma tqisx li l-affidavit ta' Loredana Falzon jista' jitqies bħala att ġudizzjarju għall-finijet tal-Artikolu 1326 tal-Kodiċi Ċivili. Kif diġà osservat, affidavit huwa sempliċiment forma ta' xhieda li tingħata bil-miktub minflok bil-fomm u mhux att ġudizzjarju. Jitqies ukoll li l-formalitajiet konnessi ma' att ġudizzjarju u kif dan għandu jiġi notifikat jeżistu sabiex jiġu skattati proċessi ġudizzjarji u jiġu salvagwardjati drittijiet tal-partijiet involuti. Infatti taħt il-kappa tal-Kapitolu 12 insibu regolamenti li jipprovdu għan-notifika ta' atti ġudizzjarji u dan fil-liġi sussidjarja 12.12, Regoli dwar in-Notifika ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta.

33. Din il-Qorti tqis li dak li kellu f'moħħu l-leġiżlatur meta promulga l-Artikolu 1326 kien li parti fil-komunjoni tal-akkwisti, li għal xi raġuni ma tkunx parteċipi f'xi att li jaffetwa l-komunjoni, tiġi nfurmata b'mod formali *tramite* notifika formali b'dak l-att. Żgur li l-leġiżlatur ma kellux f'moħħu li xi parti f'komunjoni tal-akkwisti ssir taf b'xi att straordinarju b'kumbinazzjoni *tramite* xi xhieda li jixhdu liberament u li mhux neċessarjament huma l-parti l-oħra fil-komunjoni tal-akkwisti. Konsegwentement din il-Qorti, kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, ma tqisx li ġew sodisfatti r-rekwiżiti tas-subinċiz 3 tal-Artikolu 1326.

34. Din il-Qorti taqbel mal-appellata li l-appellant ressaq aggravju biss rigward is-subinċiż 3 tal-Artikolu 1326. Konsegwentement dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

35. Permezz tat-**tielet aggravju**, l-appellant jilmenta li *oltre* mill-fatt li l-appellata kienet tat għajnuna hi stess lil binthom Loredana Falzon, fil-każ odjern il-flus li ta lil bintu ġew mogħtija sabiex bintu tkompli bl-istudji tagħha għaliex fin-nuqqas ta' dan hi kienet ser twaqqaf l-istudji tagħha u konsegwentement japplika l-Artikolu 1327 tal-Kodiċi Ċivili liema jaqra:

> "*1327. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1329 il-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti jbatu biss id-djun li ġejjin:*
>
> *(ċ) l-ispejjeż u l-obbliġi, ukoll jekk isiru separatament,għall-ħtiġiet*

> *tal-familja magħduda dawk għall-edukazzjoni u t-trobbija tal-ulied."*

36. L-attriċi *qua* appellata wieġbet li dan l-artikolu japplika fil-konfront ta' wild minorenni u mhux tal-intimata Loredana Falzon li kellha 24 sena meta rċeviet il-flus in kwistjoni.

37. Din il-Qorti tqis li huwa minnu li l-Artikolu 1327 ma jispeċifikax xi età partikolari madankollu fid-dawl li l-Kodiċi Ċivili jimponi fuq il-ġenituri l-obbligu li jmantnu lil uliedhom sa kemm ikollhom l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena, f'każ li jkunu qed jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim (ara Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili), konsegwentement din il-Qorti ma tqisx li japplika s-subinċiż (ċ) tal-Artikolu 1327 fil-każ odjern u dan tenut kont li jidher li Loredana Falzon diġà kellha erbgħa u għoxrin sena meta ġiet mogħtija d-donazzjoni. Konsegwentement, dan l-aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

*Ir-rikors tal-intimat Saviour Falzon*

38. Illi jonqos li jiġi meqjus ir-rikors imressaq nhar it-23 ta' Novembru 2021 fejn ir-rikorrent talab li jiġi meħlus mill-kundanna imposta fuqu permezz tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Hu saħaq illi fis-7 ta' Diċembru 2016, u dan meta s-sentenza mertu ta' dan l-appell kienet għadha ma għaddietx in ġudikat, l-appellant Saviour Falzon u l-attriċi appellata

Giorgina Falzon iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni li permezz tiegħu tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom u ddikjaraw illi għall-fini u effetti tal-liġi huma kienu pjenament sodisfatti bid-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u taw kwittanza sħiħa u assoluta lil xulxin. L-appellant jisħaq li konsegwentement, l-attriċi rrinunzjat għal kull interess li kellha fil-mertu tal-azzjoni b'mod definittiv u irrevokabbli. L-appellant jisħaq illi l-interess ta' parti li tiftaħ kawża irid jibqa' jintwera tul il-kawża għaliex jekk dan ma jkunx il-każ din il-kawża ma tistax tissokta. Jisħaq li kif qieset il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Agatha *sive* Agathina Formosa Gauci v. Avukat Dottor Francis Lanfranco:

> "*interess guridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza;*
>
> *u*
>
> *interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi.*[23]"

39. Iżid illi hu ma jistax jirreintegra l-ammont kif kundannat in forza tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-komunjoni tal-akkwisti *stante* li llum din hi xolta u terminata u għalhekk ma hemm l-ebda utilità u/jew vantaġġ għall-attriċi. Li bid-dikjarazzjoni espliċita kif kontenuta fil-kuntratt ta' separazzjoni ngħatat kwittanza sħiħa u assoluta meta l-appellata rrinunzjat definittivament għal kull interess li kellha fl-azzjoni *de quo.*

---

[23] Qorti tal-Appell Superjuri – Deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2003

40. L-appellata Giorgina Falzon wieġbet għal dan ir-rikors billi saħqet li l-flejjes in kwistjoni ma kinux parti mid-diskussjoni li kellhom bejniethom il-partijiet (*ad* esklużjoni ta' Loredana Falzon) u li hi qatt ma riedet tirrinunzja għall-ammont in kwistjoni. Argumentat li ċ-ċessjoni ta' dritt jeħtieġ li jkun ċar u univoku b'mod li ma jħalli l-ebda dubju li parti qed iċċedi dritt. Li l-kwittanza li ngħatat kienet b'riferenza għal dak miftiehem fil-kawża ta' separazzjoni u mhux ukoll għal din il-kawża.

41. Din il-Qorti rat illi:

a. l-azzjoni odjerna tressqet wara li tressqu proċeduri ta' separazzjoni mill-attriċi kontra l-appellant Saviour Falzon;

b. s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ġiet mogħtija nhar it-23 ta' Novembru 2016;

c. il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) awtorizzat li jsir kuntratt ta' separazzjoni bejn il-konjuġi Falzon nhar is-26 ta' Novembru 2016;

d. il-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-konjuġi Falzon sar fl-atti tan-Nutar Mariella Mizzi nhar is-7 ta' Diċembru 2016;

e. Saviour Falzon ressaq appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-kawża odjerna nhar it-12 ta' Diċembru 2016;

42. Min-naħa waħda qabel ma ġie kkuntrattat il-ftehim ta' separazzjoni personali, l-Ewwel Qorti kienet diġà kkundannat lill-intimati jirrintegraw il-komunjoni tal-akkwisti fis-somma ta' €24,517.23.

43. Min-naħa l-oħra, permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet kienu qed:

> "***5. (a)Il-partijiet qeghdin jitterminaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom b'effett mil-lum stess u sejrin jipprocedu biex jillikwidaw u jaqsmu l-istess komunjoni bil-mod segwenti u cioe:***
>
> *(i) Il-vettura Hyundai Mitsubishi numru ta' registrazzjoni ittri "E", "B", "T" numri wiehed sitta erbgha (EBT-164) qeghda tigi assenjata esklussivament lill-Komparenti Ragel u ghalhekk il-Mara qeghda titrasferixxi in-nofs (1/2) indiviz taghha u l-mara tiddikjara li ma ghandha ebda pretensjoni ohra fir-rigward;*
>
> *(ii) Il-vettura Kia numru ta' registrazzjoni "KAC" sitta tmienja sitta (686) qed tigi assenjata esklussivament lill-komparenti Mara u ghalhekk ir-ragel qed jitrasferixxi n-nofs (1/2) indiviż taghha u r-ragel jiddikjara li ma ghandu ebda pretensjoni ohra fir-rigward;*
>
> *(iii) Dwar il-mobbli li jinsabu fid-dar numru mija u disgha u ħamsin (159) Triq Dun Luret Callus Zebbug Malta, digà gew assenjati lil kull wiehed u wahda mill-partijiet u l-partijiet jiddikjaraw li ma ghandhom ebda pretensjoni fir-rigward ta' dawn il-mobbli filwaqt li l-ghodda li jinsabu fil-garage li jinsab numru mija u wieħed u sittin (161) Triq Luret Callus Zebbug qed jigu assenjati lir-ragel u l-mara ged titrasferixxi sehemha minn tali ghodda u tiddikjara li ma ghandha ebda pretensjoni ohra fir-rigward.*
>
> ***(b)Il-partijiet jistqarru li ghal kull fini u effetti kollha tal-ligi huma pjenament sodisfatti bid-divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti u prezenzjalment qeghdin jaghtu kwittanza shiha u assoluta lil xulxin u inoltre huma diġà ircevew u jinsabu fil-pussess tal-***

***oggetti personali, dotali u parafernali taghhom. In vista ta' dina l-istqarrija, mil-lum 'il quddiem kwalsijasi akkwisti jew qliegh li jsiru mill-partijiet ikunu proprjetà shiha u esklussiva ta' dik il-parti li taghmilhom filwaqt illi kwalsijasi debiti jew obbligazzjonijiet li jistghu talvolta jigu kuntrattati mill-partijiet ikunu a karigu esklussiv ta' dik il-parti li tkun ikkuntrattathom.***

***6. Il-partijiet jaqblu li Il-partijiet ser izommu ghalihom kull kont bankarju, titolu finanzjarju jew dritt iehor illi presentament jinsab registrat fisimhom rispettivament.***

*17. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, il-partijiet qeghdin jiftehmu ukoll dan li gej:*

*(a) Il-fond li jinsab numru mija u disgħa u ħamsin(159) Triq Dun Luret Callus Zebbug Malta u l-garage li jinsab numru 161, Triq Dun Luret Callus, Zebbug, Malta huma proprjetà parafernali tar-ragel.*

*(b) Il-fond li jinsab numru mija u disgha u hamsin (159) Triq Dun Luret Callus Zebbug Malta m'ghandux jitqies aktar bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet.*

*(c) Ir-ragel jaqbel li l-mara ghandu jkollha d-dritt ta' uzu u abitazzjoni vita durante tal-fond li jinsab numru mija u disgha u hamsin (159) Triq Dun Luret Callus Zebbug Malta eskluz iz-zewg spare bedrooms, il-kcina u s-salott u l-kamra tal-banju u parti mil-kuritur skond l-annessa pjanta Dok & A >> u dan ad eskluzjoni tar-Ragel. Il-parti li se tuża l-mara hija markata bl-ahdar fuq il-pjanta << A >>.*

*(d) Il-partijiet jaqblu li l-garage sottostanti l-istess fond li jinsab numru 161 Triq Dun Luret Callus Zebbug Malta huwa proprjetà parafernali tar-Ragel u l-mara tiddikjara li ma ghandha ebda pretensjoni fuq l-istess garage;*

*(e) Il-partijiet jaqblu li r-ragel ser ikollu access ghar-residenza tieghu mill-garage li jinsab numru 161Triq Dun Luret Callus Zebbug Malta u li l-kcina, iz-zewg spare bedrooms, is-salott u l-kamra tal-banju li jinsabu mija u disgha u hamsin (159) Triq Dun Luret Callus Zebbug Malta ser ikunu r-residenza tieghu, liema partijiet huma markati bir-roża fuq il-pjanta «A» hawn annessa.*

*(f) Il-kontijiet tal-utilitajiet sal-lum huma a karigu tar-ragel u mil-lum 'il quddiem kull parti thallas il-kontijiet taghha.*

*(g) Il-partijiet jintrabtu irrevokabilment a favur ta' xulxin illi jersqu kull fejn hemm bzonn u jiffirmaw kwalsiasi dokument u jaghmlu dak kollu mehtieg, necessarju u ancillari sabiex l-assenjazzjonijiet kollha maghmula ai termini ta' dan l-att jiġu formalizzati, u dan mill-aktar fis possibbli.*

*.....*

*19. Formalment qed jigi dikjarat li kull parti hija libera u intitolata li taghmel u tezercita l-atti kollha tal-hajja civili u kummercjali minghajr il-bzonn tal-kunsens, assistenza u/jew awtorizazzjoni tal-parti l-ohra u/jew tal-Qorti kompetenti.*"

44. Tranżazzjoni ta' pendenza trid tkun ċara u inekwivoka, b'tali mod li ma tħalli ebda dubju li l-kwistjoni bejn il-partijiet ġiet magħluqa definittivament. Dan ma jirriżultax li sar minn qari tal-kondizzjonijiet relevanti tal-kuntratt ta' separazzjoni. Hu minnu li l-komunjoni ġiet xolta u maqsuma madankollu ma hemm ebda referenza fil-kuntratt għal kawża quddiem din il-Qorti u illi l-effetti tas-separazzjoni kienu qed jolqtu u joqtlu din l-azzjoni. Jekk il-konvenut irid hekk ma kien hemm xejn li jżommu milli jdaħħal din l-allegata tranżazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni u għalhekk din it-talba tiegħu fil-mori tal-appell ma tistax tirnexxi.

45. Min-naħa l-oħra l-Qorti hi tal-fehma li ladarba l-komunjoni hi xolta u maqsuma l-attriċi ma għadx għandha interess li ssir rintegrazzjoni tal-komunjoni bis-somma ta' €24,517.53. Madankollu u anke biex issir ġustizzja mal-partijiet u billi nofs l-ammont jappartjeni lil Saviour Falzon, it-talba attriċi għandha tintlaqa' fis-sens li l-konvenut Saviour Falzon irid iħallas lill-attriċi nofs is-somma ċjoè €12,258.76 bħala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti li baqgħet mhux maqsuma bejn il-partijiet.

***Konsiderazzjonijiet ulterjuri***

46. Fir-rigward ta' Loredana Falzon, din il-Qorti rat li l-appell tagħha ġie ddikjarat bħala deżert nhar is-26 ta' April 2022 wara li Falzon naqset milli tiddepożita l-kawtela. Konsegwenti għal dan, din il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors tat-23 ta' Novembru 2021, permezz ta' liema Loredana Falzon talbet lil din il-Qorti teħlisha mill-kundanna imposta fuqha permezz tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, fuq kollox din il-Qorti, permezz ta' digriet tat-8 ta' Marzu 2022, diġà saħqet li:

> *"Minbarra dan, fid-dawl ta' provvediment kamerali mogħti minn din il-Qorti llum ukoll fuq rikors imressaq mill-appellata Giorgina Falzon, din il-Qorti għar-raġunijiet hemm imsemmija, ordnat li l-appellanti Loredana Falzon għandha tikkawtela l-appell imressaq minnha. Huwa biss meta jsir dan li r-rikors preżenti jista' jitqies u jingħata provvediment fuq;[24]"*

47. Madankollu tqis li għandha tikkonsidra jekk japplikax l-Artikolu 238 tal-Kapitolu 12 li jaqra:

> *"238.(1) It-tħassir jew it-tibdil ta' sentenza jiswa lill-parti illi fuq talba tagħha jkun ġie mogħti t-tibdil jew it-tħassir ta' dik is-sentenza.*
>
> ***(2) Dak it-tħassir jew tibdil jiswa wkoll lil dawk*** –
>
> *(a) illi jkollhom interess dipendenti essenzjalment minn dak tal-parti li fuq talba tagħha jkun ġie mogħti t-tħassir jew it-tibdil tas-sentenza;*
>
> *(b) illi, f'kawża fuq ħaġa indiviżibbli, ikunu atturi jew konvenuti flimkien mal-parti li fuq talba tagħha jkun ġie mogħti t-tħassir jew it-tibdil tas-sentenza;*
>
> *(ċ) illi bis-sentenza mħassra jew imbiddla, ikunu ġew ikkundannati in solidum mal-parti li fuq talba tagħha jkun ġie mogħti t-tħassir jew it-tibdil tas-sentenza:*

[24] *Fol. 232*

*Iżda t-tħassir jew it-tibdil ta' sentenza ma jiswiex favur il-persuni msemmijin fil-paragrafi (b) u (ċ), jekk dak it-taħsir jew tibdil ikun ġie mogħti għal raġunijiet li jmissu biss lill-parti li tkun talbet dak it-tħassir jew tibdil."*

48. Billi Saviour Falzon qed jiġi ordnat iħallas lill-attrici s-somma ta' €12,258,76 bħala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti mhux maqsuma, Loredana Falzon għandha wkoll tibbenefika mill-istess ġudikat.

**Decide**

49. Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddisponi mill-appell ta' Saviour Falzon billi tiċħad l-appell tiegħu, u filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti rigward l-ewwel talba, tirriformaha in kwantu ma tordnax ir-rintegrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bis-somma ta' €24,517,13 billi l-komunjoni tal-akkwisti llum hi xolta, u minflok tordna lil Saviour Falzon jirrifondi lill-attriċi s-somma ta' €12,258.76 bħala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti mhux maqsum bil-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-attriċi u l-konvenut, bl-imgħax mid-data ta' din is-sentenza. Spejjeż tal-appell ta' Saviour Falzon jiġu sopportati mill-konvenut innifsu.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef | Audrey J. Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da